



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.3.2007
KUMM(2007) 127 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Is-segwitu tal-Green Paper 'Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza'

{SEG(2007) 360}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Is-segwitu tal-Green Paper 'Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza'

1. INTRODUZZJONI

Fit-3 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni adottat Green Paper¹ sabiex tagħti spinta 'l quddiem lill-"Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza"² (ETI).

L-għan tal-Green Paper kien li tniedi konsultazzjoni pubblika wiesgħa' dwar il-komponenti ewlenin ta' l-ETI li ġejjin:

- Il-ħtieġa għal qafas iktar strutturat għall-attivitajiet ta' rappreżentanti interessati (*lobbyists*);
- Rispons dwar l-istandards minimi tal-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni³ ("*standards ta' konsultazzjoni*")
- L-iżvelar mandatorju ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi mill-UE taħt il-ġestjoni maqsuma.

Minn Mejju sa Awissu 2006, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod wiesa' u komprensiv, partikolarment permezz ta' konsultazzjoni miftuħa bbażata fuq l-internet. Barra minn hekk, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni organizzaw laqgħat ta' konsultazzjoni f'għadd ta' Stati Membri. F'Ġunju 2006, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC) organizza smiġħ ma' iktar minn 60 grupp ta' interess Ewropej u ma' partijiet interessati oħrajn, li pprova opportunità utli oħra għal skambju ta' fehmiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni⁴.

Bħala rispons għall-konsultazzjoni permezz ta' l-internet, il-Kummissjoni rċeviet kontributi minn iktar minn 160 parti interessata. Dawn kienu jinkludu sottomissjonijiet minn xi Stati Membri ta' l-UE, minn gruppi interessati mis-settur privat, mill-komunità ta' l-NGOs u minn għadd ta' ċittadini individwali. Fil-proċess ta' konsultazzjoni ipparteċipaw mhux biss organizzazzjonijiet Ewropej, iżda wkoll organizzazzjonijiet nazzjonali u reġjonali. B'konformità ma' l-istandards ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni, il-kontributi kollha ntwerew fuq il-websajt ta' konsultazzjoni ta' l-ETI⁵.

¹ KUMM(2006) 194.

² SEG(2005) 1300.

³ KUMM(2002) 704.

⁴ http://eesc.europa.eu/sco/events/11_07_06_transparency/minutes-en.pdf

⁵ http://ec.europa.eu/transparency/eti/index_en.htm

F'termini ta' reazzjoni minn entitajiet konsultattivi ta' l-UE, kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶ kif ukoll il-Kumitat tar-Regġuni⁷ ressqu opinjoni dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni.

Il-Green Paper tal-Kummissjoni ġġenerat interess pubbliku wiesa'. Kull xahar kienu rreġistrati għadd ta' eluf ta' żjajjar fil-websajt ta' konsultazzjoni ta' l-ETI. Permezz ta' din il-Komunikazzjoni, issa l-Kummissjoni tixtieq tagħti rispons dwar l-argumenti mressqa fil-proċess ta' konsultazzjoni u tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' segwitu għall-Green Paper.

2. RISPONS U SEGWITU

2.1. Rappreżentazzjoni ta' l-interessi(Lobbying)

2.1.1. Il-metodu, it-terminoloġija u l-iskop ġenerali

L-opportunità għad-diskussjoni tal-kwistjoni ta' rappreżentazzjoni ta' l-interessi fuq livell Ewropew kienet milqugħa b'mod ġenerali, għalkemm bosta parteċipanti fil-proċess ta' konsultazzjoni kkritikaw l-użu, min-naħa tal-Kummissjoni, tat-terminu '*lobbying*' sabiex jiddeskrivi dan il-fenomeni. Għalhekk, għal darba oħra għandu jiġi enfasizzat li d-definizzjoni tal-Kummissjoni tat-terminu "*lobbying*" ma kinitx tinkludi ġudizzju negattiv. *Lobbying* kienet tirreferi għal "*attivitajiet imwettqa bil-għan li jiġu influwenzati l-proċessi ta' formulazzjoni tal-politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet Ewropej*". Il-Kummissjoni espliċitament enfasizzat l-irwol leġittimu u utli ta' attivitajiet ta' *lobbying* f'sistema demokratika. Madankollu, ir-reġistru l-ġdid tal-Kummissjoni (ara iktar 'l isfel) ser jiġi intitolat 'Reġistru tar-Rappreżentazzjoni ta' l-Interessi'.

Konsultazzjonijiet għal affarijiet pubbliċi, unitajiet ta' *lobby* tal-kumpaniji ("rappreżentanti interni"), NGOs, *think tanks*, assoċjazzjonijiet tan-negozju u uffiċċji legali ser jiġu inkoraġġuti jissieħbu mar-reġistru u jingħataw l-opportunità sabiex jindikaw taħt liema kategorija jaqgħu.

2.1.2. Il-Proposti fil-Green Paper

Fil-Green Paper tagħha ta' l-ETI, il-Kummissjoni ssuġġeriet qafas ġdid għal attivitajiet ta' *lobbying* li jkun ibbażat fuq:

- Sistema volontarja ta' reġistrazzjoni b'inċentivi għar-reġistrazzjoni ta' *lobbyists*. L-inċentivi jinkludu twissijiet awtomatiċi għal konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess għall-partijiet interessati.
- Kodoċi ta' kondotta komuni għall-*lobbyists* kollha, jew għallinqas ħtiġiet minimi komuni.
- Sistema ta' monitoraġġ, u sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' reġistrazzjoni żbaljata u/jew ksur tal-kodoċi tal-kondotta.

⁶ CESE 1373/2006.

⁷ CoR 235/2006.

2.1.3. *Reġistru tar-Rappreżentazzjoni ta' l-Interessi*

Ħafna kontributi appoġġjaw il-ħolqien ta' reġistru volontarju. Madankollu, numru konsiderevoli minn daww ikkonsultati, partikolarment l-NGOs, kienu favur metodu obbligatorju bħala l-uniku mezz li bih tista' tiġi żgurata t-trasparenza.

Għall-Kummissjoni, it-trasparenza sħiħa tfisser li, l-ewwel u qabel kollox, l-ambjent tar-rappreżentanti interessati Ewropej jiġi kopert bl-iktar mod komprensiv possibbli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-Kummissjoni pproponiet metodu volontarju bbażat fuq inċentivi. Il-*lobbyists* li jirreġistraw ċerta informazzjoni dwarhom infushom jingħataw opportunità sabiex jindikaw l-interessi speċifiċi tagħhom u, bħala kumpens, jiġu mgħarrfa b'konsultazzjonijiet f'daww l-oqsma speċifiċi.

Ġie argumentat li dan ma jinċentivax biżżejjed ir-reġistrazzjoni volontarja. Fil-kuntest tal-proċess ta' konsultazzjoni jidher li l-funzjoni ta' twissija awtomatika probabbilment ma tipprovdix inċentiv suffiċjenti għar-reġistrazzjoni, partikolarment għal gruppi interessati fi Brussell, li jsegwu l-attivitajiet tal-Kummissjoni kuljum.

Għalhekk għandu jinżied inċentiv addizzjonali mas-sistema, li fl-istess ħin isaħħaħ kemm l-applikazzjoni kif ukoll l-infurzar tal-politika eżistenti tal-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni (ara wkoll il-kapitolu 2.2.). L-*istandards ta' konsultazzjoni* tal-Kummissjoni jitolbu li l-partijiet interessati li jixtiequ jressqu kummenti fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet permezz ta' l-internet għandhom ikunu lesti li jipprovdul lill-Kummissjoni u lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni dwar l-għanijiet u l-istruttura tagħhom. Il-politika mistqarra tal-Kummissjoni tgħid li "*jekk l-informazzjoni ma tingħatax, is-sottomissjonijiet jiġu kkunsidrati bħala kontributi individwali*"⁸.

B'hekk il-Kummissjoni bi ħsiebha tlaqqa' r-reġistru volontarju ma' mudell standard ġdid għall-konsultazzjonijiet permezz ta' l-internet. Jekk xi organizzazzjonijiet iressqu l-kontributi tagħhom fil-kuntest ta' din ix-xorta ta' konsultazzjoni dawn jiġu sistematikament mistiedna jużaw ir-reġistru sabiex jiddikkjaraw lil min jirrapreżentaw, x'inhi l-missjoni tagħhom u kif jiġu ffinanzjati.

Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni dwar l-organizzazzjoniet li jipparteċipaw f'konsultazzjoni, din tkun prekondizzjoni ċara għal kwalunkwe valutazzjoni sinifikanti tar-rilevanza u l-utilità tal-kontributi li jressqu.

Is-sistema l-ġdida mhux biss ser iżżid it-trasparenza b'mod ġenerali iżda ser tikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Kummissjoni għal "regolamentazzjoni aħjar". Konsultazzjonijiet miftuħa u inklussivi mal-partijiet interessati huma strumenti essenzjali għat-twettiq tal-valutazzjoni ta' l-impatt u għat-tisħiħ tal-metodu ta' tfassil tal-politika bbażat fuq l-għarfien.

⁸

COM(2002) 704.

Fir-rigward ta' l-iżvelar finanzjarju meħtieġ għall-inklużjoni fir-reġistru, il-Kummissjoni tqis li huwa kemm meħtieġ kif ukoll proporzjonat li titlob lir-reġistranti sabiex jiddikkjaraw il-figuri baġitarji rilevanti u analiżi dwar il-klijenti ewlenin u/jew is-sorsi ta' finanzjament. L-għan ewlieni ta' l-iżvelar kif rappreżentanti interessati huma ffinanzjati huwa sabiex jiġi żgurat li min jieħu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali jistgħu jevalwaw is-saħħa ta' l-iktar argumenti importanti favur l-attività ta' *lobbying*.

B'konformità mal-metodu awtoregulatorju, ir-reġistranti għandhom ikunu responsabbli mill-kalkolu u l-iżvelar preċiż u oġġettiv dwar kif huma ffinanzjati. Skond dan, fil-valutazzjoni dwar jekk l-informazzjoni mogħtija tkunx biżżejjed sabiex tiġi inkluża fir-reġistru, il-Kummissjoni ser tapplika l-kriterji minimi li ġejjin:

- Fir-rigward tal-konsulenti professjonali u l-uffiċċji legali involuti fil-*lobbying* ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, għandhom jiġu ddikjarati l-qliġ marbut mal-*lobbying* ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet relattivi li jaġħtu l-klijenti għal dan il-qliġ.
- Għall-*lobbyists* "interni" u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju attivi fil-*lobbying*, għandha ssir stima tan-nefqa assoċjata mal-*lobbying* dirett ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE.
- Għall-NGOs u t-*think tanks*, għandhom jiġu ddikjarati kemm il-baġit ġenerali kif ukoll l-analiżi skond is-sorsi ewlenin tal-finanzjament (l-ammonti u s-sorsi tal-fondi pubbliċi, donazzjonijiet, miżati għas-sħubija eċċ.)

Ir-Regolament 1367/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fuq l-Istituzzjonijiet Komunitarji jistipula li l-NGOs (li jirrispettaw numru ta' ħtiġiet speċifiċi) ser jkunu intitolati sabiex jitolbu reviżjoni interna ta' ċerti atti amministrattivi taħt il-liġi ambjentali. Għalhekk, bħala inċentiv ulterjuri għar-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni ser teżamina sa liema limitu r-reġistru ġejjieni jista' jservi ta' strument għall-identifikazzjoni ta' NGOs intitolati li jniedu din il-proċedura (eż. fis-sura ta' rikonoxximent avanzat).

2.1.4. *Kodiċi ta' kondotta*

Il-Green Paper stqarret li l-appplikanti għar-reġistru "*għandhom jissottoskrivu ma' kodiċi ta' kondotta, li jiġi infurzat b'mod kredibbli u trasparenti.*"

Il-kwistjonijiet dwar kif għandu jitħejja dan il-kodiċi ta' kondotta u kif ser jiġi segwit eżattament fil-prattika ma ġewx indirizzati fid-dettall. Saret diskussjoni dwar jekk l-aħjar għażla tistax tkun dik ta' kodiċi volontarju komuni, żviluppat u segwit mil-*lobbyists* infushom (u li jinkludi l-impożizzjoni ta' penali). Madankollu, ir-rispons għall-Green Paper jissuġġerixxi li f'dan l-eżerċizzju huwa verament diffiċli li jintlaħaq qbil bejn il-partijiet varji tal-komunità tal-*lobbying*, speċjalment fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn is-settur privat u l-NGOs.

Jidher ċar li l-Kummissjoni ser tibqa' dejjem responsabbli mir-relazzjonijiet tajbin mar-rappreżentanti ta' interessi esterni. Għalhekk, ikun diffiċli li wieħed jipprevedi li l-Kummissjoni tagħti r-responsabbiltà għad-definizzjoni u l-monitoraġġ ta' kodiċi lil entitajiet esterni. L-awtoregolamentazzjoni tal-*lobbyists* mhix meqjusa bħala għażla vijabbli. Minflok, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u taġġorna l-ħtiġiet minimi eżistenti li adottat fl-1992. Il-kontenut ta' dan il-kodiċi mġedded ser jiġi diskuss mal-partijiet interessati. Is-sottoskrizzjoni ma' dan il-kodiċi għandha ssir rekwiżit għal-*lobbyists* li jixtiequ jiġu inklużi fir-reġistru l-ġdid, b'konformità ma' l-eżempju stabbilit mill-Parlament Ewropew.

M'hemmx bżonn jingħad li l-informazzjoni fattwali mogħtija mill-partijiet interessati sabiex jiġu rreġistrati għandha tkun dejjem preċiża. Ir-reġistranti li jinqabdu jibagħtu informazzjoni impreċiża ser jiġu mistiedna, possibbilment b'mod pubbliku, sabiex jirranġawha. Bħala l-aħħar miżura, il-Kummissjoni tista' teskludi li tirreġistra *lobbyists* li jagħtu informazzjoni impreċiża mir-reġistru. Proċedura simili ser tapplika għal ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta.

2.1.5. *Il-kooperazzjoni interistituzzjonali possibbli*

Ħafna minn dawk li pparteċipaw fil-konsultazzjoni dwar il-Green Paper ta' l-ETI argumentaw favur metodu ta' *lobbying* interistituzzjonali. Huma talbu sabiex ir-reġistru u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-ġejjieni jkunu komuni għall-Kummissjoni u, għallinqas, għall-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ ma' din l-idea u temmen li r-reġistrazzjoni permezz ta' "*one stop shop*" ser tkun ta' inċentiv ikbar sabiex il-partijiet interessati jirreġistraw. Għalhekk il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sabiex jeżaminaw il-possibbiltà ta' kooperazzjoni eqreb f'dan il-qasam.

2.1.6. *Iż-żmien u l-eżaminar*

Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-miżuri l-ġodda deskritti f'din il-Komunikazzjoni ser ikunu qafas ibbilanċjat u proporzjonat għal iktar trasparenza fil-*lobbying*. Il-Kummissjoni ser tniedi d-diskussjonijiet mal-partijiet interessati dwar Kodiċi ta' Kondotta komuni qabel is-sajf ta' l-2007, u ser tiftaħ ir-Reġistru għal Rappreżentanti Interessati fir-rebbiegħa ta' l-2008. Wara t-tnedija tar-Reġistru, is-servizzi tal-Kummissjoni ser jiġu ggwidati dwar kif jippromwovu r-reġistrazzjoni b'mod attiv u kif jittrattaw rappreżentanti interessati li ma jkunux irreġistrati. Fir-rebbiegħa ta' l-2009, il-Kummissjoni ser teżamina jekk is-sistema l-ġdida tkunx wasslet għar-risultati mixtieqa, bl-inklużjoni ta' l-ilħuq tal-gruppi mmirati għar-reġistrazzjoni. Jekk le, għandha tingħata kunsiderazzjoni għal miżuri iktar stretti, fis-sura ta' regjistrazzjoni u rrapportar obbligatorji.

2.2. Standards ta' Konsultazzjoni

Daħlu iktar minn 100 kontribut⁹ dwar il-kapitolu ta' l-"istandards minimi" tal-Green Paper, l-iktar minn diversi gruppi interessati tan-negozju u NGOs.

Dawk li pparteċipaw fil-konsultazzjoni ġeneralment laqgħu l-istandards ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni u l-isforzi li saru mill-Kummissjoni għat-titjib tal-proċessi konsultattivi tagħha. Fl-istess ħin, il-parteċipanti għabdu l-attenzjoni lejn ċerti oqsma batuti fl-applikazzjoni ta' l-istandards ta' konsultazzjoni. Partikolarment, hemm nuqqasijiet fl-għoti ta' rispons ġenerali li jispjega kif u sa liema limitu dawn il-kummenti ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni, kif ukoll il-limitu ta' żmien minimu ta' 8 ġimgħat għal konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa (pereżempju, fejn il-perjodu kien jinkludi perjodu ta' vaganza maġġuri). Inħass li l-konsultazzjonijiet immirati bejn is-setturi rilevanti mhux dejjem kienu bbilanċjati biżżejjed.

Filwaqt li mhux intiż li ssir eżami tal-kontenut ta' l-istandards ta' konsultazzjoni f'dan l-istadju¹⁰, huwa meħtieġ tisħiħ ta' l-applikazzjoni tagħhom sabiex jittejjeb il-livell ġenerali tal-kwalità tal-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni. Din l-applikazzjoni msaħħa ser tiffoka partikolarment fuq l-għoti aħjar ta' rispons, metodu iktar ikkoordinat għall-konsultazzjoni u l-ħtieġa ta' l-iżgurar tal-pluralità ta' l-ideat u ta' l-interessi mfissra fil-konsultazzjonijiet. Dan il-metodu għandu jtejjeb il-kwalità tal-valutazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni dwar "regolamentazzjoni aħjar".

Għalhekk il-Kummissjoni ser tenfasizza iktar miżuri bħal:

- Taħriġ u azzjoni biex jitqajjem għarfien xieraq fost il-persunal;
- L-iskambju ta' informazzjoni u prattiċi tajbin dwar il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati bejn id-Direttorati Ġenerali;
- Ir-reviżjoni tal-linji prattiċi ta' gwida għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati;
- Il-ħolqien ta' mudell ta' standard ta' konsultazzjoni ġdid għat-titjib tal-konsistenza ta' konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa.

Ladarba dawn il-miżuri ġodda jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu ttestjati, il-Kummissjoni bi ħsiebha tressaq il-politika ta' konsultazzjoni tagħha għal evalwazzjoni esterna.

⁹ Il-kontributi huma disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/comm/eti/contributions.htm>

¹⁰ Mingħajr preġudizzju lejn il-miżuri possibbli meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali fuq Istituzzjonijiet u Korpi Komunitarji.

2.3. Pubblikazzjoni ta' l-identità tal-Benefiċjarji tal-Fondi ta' l-UE

2.3.1. *Il-proċess leġislattiv*

Il-pubblikazzjoni tal-Green Paper dwar it-Trasparenza wasslet għal kopertura medjatika intensa dwar il-kwistjoni tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar benefiċjarji ta' fondi għal ġestjoni maqsuma. Dan ippermetta lill-Kummissjoni sabiex tibda diskussjonijiet kostruttivi ma' l-Istati Membri, mal-Parlament, ma' rappreżentanti interessati u organizzazzjonijiet mis-soċjetà ċivili, li wasslu għal kunsens dwar ix-xewqa tal-pubblikazzjoni tad-*data* rilevanti. Il-Kummissjoni kienet inkoraġġita meta rat li bosta Stati Membri ma baqgħux jopponu b'mod espliċitu u qablu dwar kooperazzjoni mal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni u dan wassal għall-adozzjoni mgħaġġla tal-ħtiġiet bażiċi għall-introduzzjoni tal-problema, jiġifieri l-inklużjoni tal-ħtieġa fir-Regolament Finanzjarju, li kien għaddej minn reviżjoni ta' kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2003.

Deskrizzjoni ta' l-emendi għall-atti legali varji kkonċernati hija pprovduta fl-anness.

2.3.2. *L-implimentazzjoni Prattika*

L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni rilevanti hija l-ewwel pass f'dik li neċessarjament se tkun ħidma kumplessa, li tkun teħtieġ kooperazzjoni sinifikanti ma' firxa wiesgħa ta' entitajiet ta' implimentazzjoni madwar l-UE kif ukoll metodu maqsum fi stadji.

Ċerti kummenti magħmula fil-kuntest tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-Green Paper jippuntaw lejn ix-xewqa ta' *database* sempliċi, ċentralizzata, ġestita mill-Kummissjoni, li tkun tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-benefiċjarji.

Madankollu, ir-realtà hi li d-*data* dwar il-benefiċjarji tinġabar minn entitajiet ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri li jiġu ddelegati bil-ġestjoni. Fil-qasam ta' l-għajjnuna diretta u miżuri tas-suq tal-KAP, id-*data* tinbagħat lill-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà ta' dawn l-entitajiet u l-Kummissjoni m'għandha l-ebda mezz kif tista' tivverifika l-affidabilità ta' kull biċċa informazzjoni ta' *data* li tirċievi. Madankollu, il-Kummissjoni adottat proposta li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 li tobbliga lill-Istati Membri sabiex jippubblikaw din id-*data* li tinkludi n-nefqa għall-iżvilupp rurali. Fil-qasam tal-fondi strutturali, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006, li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar il-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni, b'mod ċar jitfa' r-responsabbiltà tal-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-*data* dwar il-benefiċjarji fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni anqas biss tirċievi s-settijiet tad-*data* rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tagħmel sforzi determinati sabiex tikseb "Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni" pożittiva mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, kif mitlub mill-Artikolu 248 KE. Dan jitlob sforzi determinati mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni diretta, iżda l-Istati Membri ser ikollhom rwol kruċjali sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet innutati mill-Qorti fil-qasam tal-ġestjoni maqsuma. Għalhekk il-Kummissjoni trid tenfasizza l-importanza tar-reponsabbiltajiet ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri taħt ġestjoni maqsuma.

B'hekk, sabiex jinkiseb l-għan tal-pubblikazzjoni tad-*data* sa l-2008, il-proċedura li ġejja, b'kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-*Data*, tidher li hi l-iktar proċedura xierqa.

L-Ewwel Pass: Il-pubblikazzjoni tad-data fis-sura attwali tagħha

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju Emendat u l-leġislazzjoni applikabbli speċifika għas-settur, dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan ser jippermettu l-aċċess pubbliku għad-*data*, permezz ta' websajts u mezzi oħrajn li jqisu xierqa, għall-programmi kollha b'ġestjoni maqsuma.

Il-Kummissjoni ser tospita portal ċentrali tal-web marbut mal-websajts rilevanti Dan is-sit ser ikollu *link* għall-websajt dwar il-fondi ta' UE taħt ġestjoni diretta mniedi mill-Kummissjoni fl-2006. Dan għandu jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament bejn programmi ta' ġestjoni diretta u dawk b'ġestjoni maqsuma.

It-tieni pass: Jiġu żgurati l-komparabilità u l-'konsultabilità' tad-data

Il-Kummissjoni tagħraf bis-sħiħ il-ħtieġa ta' *data* li tkun kumparabbli u li tkun tista' tiġi kkonsultata b'mod sempliċi, u bħala pass sussegwenti, fil-Ħarifa ta' l-2007 ser tippromponi standard komuni għall-pubblikazzjoni ta' *data* dwar ġestjoni maqsuma, sabiex tiżgura li l-partijiet interessati jkunu jistgħu jwettqu analiżi konsistenti madwar l-UE, Dan l-istandard komuni ser jikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-oqsma varji ta' politika taħt ġestjoni maqsuma.

3. KONKLUŻJONIJIET

Bħala segwitu għall-Green Paper tagħha dwar l-"Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza", il-Kummissjoni ser:

- Toħloq u tniedi fir-rebbiegħa ta' l-2008 reġistru volontarju ġdid għal-*lobbyists* b'funzjoni ta' "twissija" (id-*database* eżistenti CONECCS mhux ser tibqa' tintuża);
- Iżżid it-trasparenza permezz ta' applikazzjoni msaħħa ta' l-istandards ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni bbażata, partikolarment, fuq websajt standard għall-konsultazzjonijiet permezz ta' l-internet, u li tinkludi skrutinju tal-partiċipanti. Dan l-istrument ser ikollu *link* mar-reġistru;
- Tabbozza Kodiċi ta' Kondotta li għandu jiġi diskuss mal-partijiet interessati fl-2007. Il-Kodiċi ser ikun meħtieġ għad-dħul fir-reġistru u ser jiġi segwit mill-Kummissjoni.
- Issaħħaħ l-applikazzjoni ta' l-istandards ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' serje ta' miżuri prattiċi interni (ara taħt it-2.2.).
- Tissokta u timplimenta l-politika tagħha dwar il-pubblikazzjoni ta' l-identità tal-benefiċjarji tal-fondi ta' l-UE.

ANNEX

Benefiċjarji tal-Fondi ta' l-UE – Emenda ta' l-Atti Legali

1. Emenda tar-Regolament Finanzjarju

Ir-Regolament 1995/2006, li jemenda r-Regolament Finanzjarju Nru 1605/2002, fl-introduzzjoni tiegħu jistqarr:

"Billi:(6) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza ta' l-użu tal-fondi li ġejjin mill-baġit, huwa meħtieġ li informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' dawn il-fondi ssir disponibbli f'ċerti limiti meħtieġa biex jipproteġu l-interessi pubbliċi u privati leġittimi u b'kunsiderazzjoni lejn il-perjodu ta' kontabilità partikolari għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija."

Il-paragrafu ġdid numru 3 miżjud fl-Artikolu 30 jitlob il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar benefiċjarji skond it-tipi kollha ta' modi ta' ġestjoni ta' programmi:

"Il-Kummissjoni għandha tipprovdi ... informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi pprovduti mill-entitajiet li lilhom il-ħidma ta' implimentazzjoni tal-baġit hija ddelegata skond modi oħrajn ta' ġestjoni."

Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli b'osservanza tal-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità, partikolarment il-protezzjoni tad-data personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' tali data u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi rigward l-ipproċessar ta' data mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali data, u tal-ħtiġiet tas-sigurtà, filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet ta' kull mod ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 53 u fejn applikabbli f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur."

L-Artikolu 53b l-ġdid jispeċifika l-frekwenza tal-pubblikazzjoni u l-fatt li l-arranġamenti prattiċi għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur.

"Artikolu 53b

1. Fejn il-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' ġestjoni maqsuma, il-ħidmiet ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ddelegati lill-Istati Membri. Dak il-metodu għandu japplika partikolarment għall-azzjonijiet imsemmija fl-Ewwel u t-Tieni Titoli tat-Tieni Parti.

2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet kumplementari inklużi fir-regolamenti rilevanti speċifiċi skond is-settur, u sabiex fil-ġestjoni maqsuma jiġi żgurat li l-fondi jintużaw skond ir-regoli u l-prinċipji applikabbli, l-Istati Membri għandhom (...)

(d) jiżguraw, permezz ta' regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur u f'konformità ma' l-Artikolu 30(3), il-pubblikazzjoni annwali ex post xierqa tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit."

Skond it-termini ta' dispożizzjoni tranżitorja speċifika l-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) ser jiġu żvelati sa minn hłasijiet mill-baġit 2008.

"Artikolu 181

4. L-Artikolu 30(3) għandu japplika għall-ewwel darba fuq il-fond imsemmi fl-Artikolu 148(1) fir-rigward tal-ħlasijiet mill-baġit ta' l-2008."

2. Leġislazzjoni settorjali

2.1. Fond Ewropew għas-Sajd (EFF)

Ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-EFF (KE) Nru 1198/2006 ġie adottat fis-27 ta' Lulju 2006. L-obbligu ta' l-awtorità ta' ġestjoni sabiex torganizza l-pubblikazzjoni ta' lista ta' benefiċjarji, l-ismijiet tal-ħidmiet u l-ammont ta' fondi pubbliċi allokat i għall-ħidma huma msemmija b'mod ċar fl-abbozz tar-regolament li jimplimenta (l-Artikolu 31), li hu mistenni li jiġi adottat mill-Kummissjoni sa l-aħħar ta' Marzu 2007. Madankollu, diġà ntlaħaq ftehim politiku mill-Istati Membri fil-Kumitat EFF.

2.2. Fondi Strutturali – ERDF, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill għat-tliet fondi, jispeċifika fl-Artikolu 7.2.d tiegħu li l-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli mill-organizzazzjoni ta'... *"il-pubblikazzjoni elettronika jew f'sura oħra, tal-lista ta' benefiċjarji, l-ismijiet tal-ħidmiet u l-ammont ta' fondi pubbliċi allokat i għall-ħidmiet. Il-parteciċipanti f'ħidma ta' l-ESF m'għandhomx jissemmew."*

2.3. Politika Agrikola Komuni (għajnuna diretta u miżuri tas-suq; żvilupp rurali)

Proposta biex ikun emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, li jistabbilixxi regoli għall-finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew, kemm f'termini ta' ħlasijiet diretti, miżuri tas-suq u ta' l-iżvilupp rurali, għadha kif ġiet adottata mill-Kummissjoni sabiex tiġi inkluża dispożizzjoni li tobbliga l-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-benefiċjarji. Ladarba approvat mill-Kunsill, ir-Regolament ser jeħtieġ li jiġi ssupplimentat mir-regoli rilevanti ta' implimentazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' L-IMPATT TAL-BAĠIT(ara l-Artikolu 16 tar-Regoli Interni)

QASAM TA' POLITIKA: KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U PARIRI LEGALI
ATTIVITÀ: RELAZZJONIJET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, TRASPARENZA U INFORMAZZJONI

PROGRAMM TA' ĦIDMA GĦALL: 2007-2008

1. INTESATURI KKONĊERNATI TAL-BAĠIT U TITOLU

- 25.02.04.02 Pubblikazzjonijiet ġenerali
- u l-linja ta' baġit li tkopri l-istaff awżiljarju u dak b'kuntratt.

2. BAŻI LEGALI

Il-ħidmiet li jirriżultaw mill-prerograttivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali.

3. FIGURI GLOBALI GĦAS-SENA FINANZJARJA (F'EURO)

■ 3.a - Sena kurrenti 2007

		CA
Approprjazzjoni inizjali għas-sena finanzjarja (baġit)		2 200 000
Trasferimenti		---
Approprjazzjonijiet addizzjonali		---
Approprjazzjoni totali		2 200 000
Approprjazzjonijiet imwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		2 200 000 (POP 2007)
Bilanċ disponibbli		
Ammont għall-azzjoni proposta		75 000 (Diġà inklużi fil-POP 2007) +300 000

▣ **3.b – Trasferimenti 'l-quddiem**

		CA
Trasferimenti 'l-quddiem		---
Approprjazzjonijiet imwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		---
Bilanċ disponibbli		---
Ammont għall-azzjoni proposta		---

▣ **3.c – Sena finanzjarja li jmiss: 2008**

L-ammont li għandu jiġi inkluż fit-tnejja tal-PDB ta' l-2008

		CA
Approprjazzjoni inizjali għas-sena finanzjarja (baġit)		Il-PDB ta' l-2008 li għandu jitħejja
Trasferimenti		
Approprjazzjonijiet addizzjonali		
Approprjazzjoni totali		
Approprjazzjonijiet imwarrba minn programm ieħor ta' ħidma		
Bilanċ disponibbli		
Ammont għall-azzjoni proposta		450 000

4. ID-DESKRIZZJONI TA' L-AZZJONI

Fit-3 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni adottat Green Paper – KUMM(2006) 194 - sabiex tagħti spinta 'l quddiem lill-"Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza" (ETI). L-għan kien li titnieda konsultazzjoni pubblika wiesgħa partikolarment dwar il-ħtieġa għal qafas iktar strutturat għall-attivitajiet ta' rappreżentanti interessati (*lobbyists*). Wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni ser toħloq reġistru volontarju ġdid għal-*lobbyists*, b'funzjoni ta' twissija.

Din l-azzjoni tiġġenera żewġ tipi ta' spejjeż:

- Spejjeż taħt il-linja ta' baġit 25.02.04.02 li tkopri l-produzzjoni tar-reġistru (fuq l-internet) u l-manteniment tagħha.
- Spejjeż għal żewġ aġenti kuntrattwali ta' livell A. Din hija spiża addizzjonali li għadha mhix koperta mill-appropriazzjonijiet allokat li Segratarjat Ġenerali.
 - Aġent wieħed li jgħin fil-ħidmiet ta' disinn, koordinazzjoni u monitoraġġ tal-proġett globali
 - Professionist wieħed għall-ħidmiet speċifiċi kollha relatati ma' l-IT tal-proġett

5. METODU TAL-KALKOLU ADOTTAT (F'EURO)

Persunal			
2007	8 xhur	2 aġenti	84 376
2008	Sena sħiħa	2 aġenti	127 104
2009		1 għal 6 xhur, 1 għal 12-il xahar	95 328

Tħejjija u żvilupp tar-Reġistru		
2007	L-analiżi, id-dokument ta' viżjoni, l-istudju ta' fattibilità, eċċ.kuntratt wieħed	75 000
	L-iżvilupp ta' modulu ta' ġestjoni, il-modulu ta' tixrid: L-ewwel fażi	300 000
2008	L-iżvilupp tat-Tieni Fażi (flimkien mal-produzzjoni ta' l-1 verżjoni u t-tħejjija tat-2 verżjoni): kuntratt	450 000
2009 u wara	L-ispejjeż tal-manteniment	50 000 fis-sena

TOTAL		
Sena	Aġenti	Żvilupp
2007	84 376	375 000
2008	127 104	450 000
2009	95 328	50 000

6. SKEDA TAL-ĦLAS (F'EURO)

Intestatura	Appropriazzjonijiet		Ħlasijiet	
			2007	2008
25.02.04.02	2007	375 000	375 000	
	2008	450 000		450 000
	Total	825 000	375 000	450 000
Aġenti	2007	84 376	84 376	
	2008	127 104		127 104
	Total	211 480	84 376	127 104

Il-ħtiġiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti mill-allokazzjoni mogħtija lis-servizz ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' l-allokazzjoni annwali.

Minħabba l-fatt li l-baġit għall-2007 u l-APS2008 diġà ġew adottati, il-ħtiġiet il-ġodda ta' riżorsi umani għandhom jiġu koperti permezz ta' tqassim mill-ġdid jew billi jintużaw l-appropriazzjonijiet eżistenti għall-istaff estern.